MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 164/2009/1

**Raymond Debono**

**v.**

**L-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Lisa Debono u li b'digriet moghti fit-22 ta' Gunju 2011 gew estromessi mill-atti tal-kawza, stante li l-istess Lisa Debono giet notifikata fit-terminu tal-Council Regulation 1393/2007**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li l-atturipprezenta fit-22 ta’ Mejju 2009 u li jaqra hekk:

“1. Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata Lisa Deboni fl-4 ta’ Ottubru 1997 gewwa “St Patricks Roman Catholic Church”, Langley Moor, Brandon and Byshottles, Durham Central, County of Durham, ir-Renju Unit (kopja tac-Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **Dok RD1**);

“2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, Luke li illum ghandu ghaxar snin, Joseph u Lucia tewmin ta’ tliet snin (kopji tac-Certifikati tat-twelid annessi u mmarkati **Dok RD2**);

“3. Illi l-esponent ottjena d-divorzju minn l-intimata b’digriet mill-Qorti ta’ Durham fit-18 ta’ Dicembru 2007 (kopja tac-Certifikat tad-divorzju hawn anness u mmarkat **Dok RD5**), liema divorzju gie debitament irregistrat hawn Malta fl-24 ta’ Jannar 2009;

“4. Illi fit-termini ta’ dan id-divorzju inghatat ordni ta’ manteniment mahruga mill-**Qorti ta’ Durham** fit-3 ta’ Dicembru 2007, (kopja hawn annessa u mmarkata **Dok RD6**) ibbazata fuq paga ta’ tabib (impjegat man-National Health Service) ta’ erbghat elef u seba’ mitt lira sterlina (GBP4,700.00) fix-xahar. Dan il-manteniment kien jammonta ghal elfejn seba’ mija u hamsin lira sterlina (GBP2,750.00) fix-xahar, u kien maqsum in kwantu ghal elf mitejn u hamsin lira sterlina (GBP1,250.00) bhala manteniment ghal-martu (l-intimata de quo) u dan sakemm din ma jkollix introjtu ta’ aktar minn ghaxart elef lira sterlina (GBP10,000.00) fis-sena, jew terga’ tizzewweg jew tikkoabita ma’ persuna ohra, kif ukoll manteniment ta’ hames mitt lira sterlina (GBP500.00) fix-xahar ghal kull minorenni sa tali data li dawn jsiru maggorenni;

“5. Illi huwa gie a konoxxenza li martu talbet li jigi revedut il-manteniment u ottjenit ordni provisorja ta’ manteniment fejn l-ordni tat-3 ta’ Dicembru 2007 giet revokata mill-Qorti sedenti nhar it-18 ta’ Marzu 2008 u regghet giet attivata *maintenance pending suit order* tad-

19 ta’ Ottubru 2007 (kopja hawn annessa u mmarkata **Dok RD7**) fejn ir-rikorrenti kien obbligat jissomministra manteniment mensili f’total ta’ tlett elef u tliet mitt lira sterlina (GBP3,300.00) ghal martu u ghal uliedu. L-ordni tad-19 ta’ Ottubru 2007 kienet ibbazata fuq paga mensili tar-rikorrenti man-National Health Service tar-Renju Unit ta’ erbat elef u seba’ mitt lira sterlina (GBP4,700.00), u introjtu iehor ta’ elf sitt mija u sittin lira sterlina (GBP1,660.00) bhala interessi fuq il-flus rikavati mill-bejgh tad-dar matrimonjali. Qabel ma hadet din id-decizjoni dak li l-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni kien illi minn Jannar 2008, dawn l-interessi ma baqghux aktar dovuti stante illi l-intimata kienet hadet il-flus rikavati mill-bejgh tad-dar matrimonjali u ghaldaqstant din is-somma ma kellix tigi kkunsidrata fil-*maintenance pending suit order* li l-Qorti regghet tiattivat fit-18 ta’ Marzu 2008;

“6. Illi mid-data tal-ordni tal-manteniment kien hemm bdil oggettiv ta’ cirkostanzi li jimmeritaw bdil fil-manteniment pagabbli mill-esponent lill-intimata u lill-uliedu. Dan il-bdil fic-cirkostanzi jikkonsisti illi fir-Renju Unit l-esponent kien impjegat bhala tabib fil-National Health Service fejn kien jaqla medja ta’ erbat elef u seba’ mitt lira sterlina (GBP4,700.00) fix-xahar, filwaqt li issa qieghed jaghmel biss ftit xoghol privat; liema xoghol bl-ebda mod ma jrendilu l-introjtu li kien jippercepixxi gewwa l-Ingilterra. Ir-raguni ghalfejn l-esponent kien kostrett jitlaq mir-Renju Unit u jirritorna lura lejn pajjizu kienet minhabba t-theddid kostanti fuq hajtu mill-familjari tal-intimata u l-ostilita` tal-ambjent, kif ukoll dak li huwa jqis u fuq hajtu mill-familjari tal-intimata u l-ostilita` tal-ambjent, kif ukoll dak li huwa jqis u jhoss bhala *bias* gudizzjarju qawwi mill-Qrati tar-Renju Unit fil-konfront tieghu. Fattur iehor relevanti huwa illi l-intimata ghandha mpieg bhala Senior practice nurse gewwa Woodland View West Rainton, Houghton-le-Sring, Tyne and Wear DH46RQ, l-Ingilterra; u ghalhekk ghandha ntrojtu fix-xahar ta’ elf mitejn u wiehed u hamsin lira sterlina (GBP1,251.10) bhala paga, filwaqt li ghandha introjtu iehor ta’ tmin mija u tnejn u sittin lira sterlina (GBP862.33) bhala tax credits, mijs u disa’ u tmenin lira sterlina (GBP189.58) bhala child benefits, u tlieta u tmenin lira sterlina (GBP83.00) bhala interessi fuq

depositi, u dan ghal ammont komplessiv ta' elfejn tliet mija u sitta u tmenin lira sterlina (GBP2,386.01) fix-xahar. Barra minnhekk mid-divorzju l-intimata ippercepit smma kapitali ta' tliet mija u ghoxrin elf lira sterlina (GBP320,000) li tippermettilha li tghix b'mod dicenti u komdu tenut konta l-bzonnijiet taghha u ta' wlied il-partijiet;

"7. Illi r-rikorrenti jixtieq jitlob revizjoni tal-manteniment u qieghed jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti bhall-Qorti kompetenti biex tistabbilixxi manteniment bejn il-partijiet u tvarja kull ordni jew digriet ta' manteniment bejn il-partijiet;

"Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi jezisti bdil ta' cirkostanzi bejn il-partijiet li jiggustifika l-varjazzjoni ta' kull ordni ezistenti ta' manteniment;

"2. Tiddikjara u tiddeciedi illi minhabba d-disparita` ta' cirkostanzi, l-intimata m'ghandhiex dritt ta' manteniment;

"3. Tistabilixxi manteniment u retta alimentarja ghat-tliet ulied minuri hawn fuq imsemmija, li huma Luke, Joseph u Lucia, ahwa Debono u sa fejn huwa neccessarju taghti dawk l-ordnijiet direttivi u provedimenti biex jigu varjati tali ordnijiet ta' manteniment."

Rat ir-risposta tal-Kuraturi konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u b'hekk jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

"2. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat illi kif jirrizulta min-nota tal-Avukat Generali tal-20 ta' Gunju 2011, Lisa Debono giet formalment notifikata bl-att promotur tal-kawza nhar il-21 ta' April 2011;

Rat illi b'digriet tat-22 ta' Gunju 2011, il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja ordnat "l-estromessjoni tal-kuraturi deputati";

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fit-30 ta' Ottubru 2012, li in forza taghha cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob lil din il-Qorti li "tiddikjara u tiddeciedi li jeziti tibdil fic- cirkostanzi bejn il-partjiiet [illum divorzjati] li juggustifikaw l-varjazzjoni ta' kull ordni ezistenti ta' manteniment"; kif ukoll tiddeciedi li l-konvenuta m' ghandhiex dritt ghall-manteniment; filwaqt li tiffissa retta alimentarja rigwardanti t-tfal minuri tal-partijiet.

"Illi fis-sustanza l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur tinsab fuq esposta. Fl-affidavit tieghu, l-attur ikompli jispjega li wara d-divorzju s-sitwazzjoni bejn il-partijiet marru ghall-aghar, bil-konvenuta timpedih b' kull mod sabiex ma jkollux access ghat-tfal, u dan nonostante li kellu ordni mill-qrati Inglizi ta' access ghat-tfal favur tieghu.

"Jghid ukoll li hu kien kostantament mhedded mill-familjari tal-konvenuta, partikolarment minn missierha. Jghid: "It-theddid minn missierha u mill-familja taghha kompla, u kelli niftah proceduri bil-Qorti fil-konfront ta' missierha sabiex stajt inkompli bix-xoghol tieghi u nghix normali……[izda] it-theddid…..kompla ghaddej bla waqfien. Ghamilt diversi rapport lill-pulizija ta' Durham, u dawn m' ghamlu xejn sostanzjali biex iwaqqfuh."[1] Jispjega li "Jiena ma stajt nibqa' f' dak il-pajjiz ghax kont mhedded bil-mewt, lanqas stajt nohrog fid-dlam mill-Isptar …Tlif kollox jien, tlift il-paga, tlift kollox."[2]

[1] Fol.79
[2] Fol.103

"Jghid: "Minhabba t-theddid fuq hajti mill-familjari tal-[konvenuta], l-qsim il-qalb li ma stajtx nara lil uliedi, kif ukoll beda jkolli problemi ta' sahha personali, ma kien fadalli xejn hlief niehu decizjoni li nigi lura Malta sabiex insib l-ghajnuna minn ghand il-familja tieghi."[3]

"Iz-zija tieghu Emanuela Tabone fl-affidavit taghha kkonfermat sostanzjalment il-verzjoni tal-attur rigward il-hajja difficli li kien qed jiffaccja ruhu maghha l-attur, u tghid: "Wara dan l-inkwiet kollu, sahhet A ma baqghetx li kienet, u minhabba t-theddid kostanti fuq hajtu mill-familjari ta' C, kif ukoll l-ugigh ta' qalb li ma jistax jara lil uliedu, konna tajna parir lil A li ma kellu triq ohra ghajr li jigi lura lejn pajjizu sabiex ikollu l-ghajnuna u l-konfort tal-familja tieghu."[4]

"Rigward il-pozizzjoni tieghu finanzjarja, l-attur, li ghandu l-professjoni ta' reconstructive surgeon, jispjega hekk: "Hawn Malta fittixt li ninghata kura minhabba l-pressjoni gholja li bdejt inbaghti biha. Ippruvajt infittex li nimpjega ruhi fl-isptar ta' l-istat u mort id-Dipartiment tas-Sahha, izda qaluli li ma kienux jezistu vacancies fil-linja tieghi. Fil-prezent qieghed nahdem part-time fi sptarjijiet privati; izda x-xoghol huwa ftit minhabba l-kompetizzjoni li diga' tezisti, u minhabba li ghadni mhux maghruf peress li dejjem hdimt fi sptarijiet barra minn Malta." Jghid li l-Ingilterra huwa kellu paga ta' £5,000 fix-xahar, filwaqt li bix-xoghol privat kellu medja ta' £20,000 fix-xahar.

"L-attur jghid li mis-sena 2008, il-konvenuta li hija senior nurse gradwata anke bil-Masters, ghandha ntrojtu mensili ta' £2,400; u ghalhekk, illum il-gurnata hi qeda ahjar minnu, peress li hu fil-prezent ghandu ntrojtu nett ta' €1,083.

"Illi xehed ukoll fil-kawza il-Konsulent Dottor Louis Buhagiar li kkonferma z-zewg certifikati medici[5] mahruga minnu fit-3 ta' April 2008 u fil-5 ta' Mejju 2010. Jghid li

[3] Fol.80
[4] Fol.84
[5] Fols.89-90

meta kien ezamina lill-attur fit-3 ta’ Mejju 2008 sab li dan kien ibati minn pressjoni gholja u minn severe anxiety depression, bir-rizultat li f’ dak iz-zmien il-kondizzjoni ta’ sahhtu ma kinitx tippermettilu li jahdem. Ix-xhud jikkonferma li huwa kien ezamina lill-attur darbtejn f’ erba’ snin li dan kien Malta; izda, jispjega li l-attur “is a doctor himself so very often he treats himself and only when he is under great strain and difficulty that he comes to seek my advice.”[6]

“Illi min naha taghha l-konvenuta tghid li hi mhijix fil-pozizzjoni li tahdem tenut kont li ghandha t-tfal xi trabbi, partikolarment it-twins li fiz-zmien tal-affidavit taghha maghmul fl-1 ta’ Lulju 2008 kellhom sentejn. Tghid li peress li l-attur ma kienx jivversalha l-manteniment ordnat mill-Qorti, hi kellha tohrog tahdem, ghalkemm fuq bazi part-time minhabba t-tfal iz-zghar. Tikkonferma li dak iz-zmien kellha ntrojtu ta’ £1,100, annual tax credit ta’ £862.33, Child Benefit ta’ £189.58 u mghaxijiet ta’ £83.

“Hija tispjega li s-somma percepita minnha mal-qsim tar-rikavat tad-dar, fl-ammont ta’ £320,024.71, uzata biex xtrat id-dar fejn qed toqghod fil-prezent bit-tfal,u sabiex thallas spejjez relattivi. Ghamlet ukoll lista ta’ spejjez inkorsi minnha kull xahar.

“Fl-affidavit[7] tieghu, is-Solicitor Timothy Rohan Gray, l-assistent legali tal-konvenuta fl-Ingilterra, fost affarijiet ohra, jispjega li skond l-ftehim raggjunt bejn il-partijiet, li kienu t-tnejn assistiti legalment, inharget l-ordni tat-3 ta’ Dicembru 2007 li permezz taghha l-konvenuta kellha tircevi s-somma ta’ £320,000 mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, filwaqt li l-attur kellu jircevi £120,000 flimkien ma’ depozitu bankarju fl-ammont ta’ £50,453; u l-konvenuta kellha tirciévi retta alimentarja fl-ammont fuq indikat “during joint lives until her remarriage” or further order.

[6] Fol.118
[7] Fol.186

“Wara li ghadda ftit taz-zmien, l-attur irrizenja mill-NHS, u l-avukati tal-konvenuta talbu sabiex jigi revokat id-digriet moghti fl-imsemmija data, peress li l-attur ma kienx zvela l-intenzjoni tieghu li jigi Malta. Sadanittant huwa kien diga’ inkassa l-ammonti dovuti lilu u baghathom Malta; izda mill-banda l-ohra “he had not paid periodical payments since December 2007 as he could not afford it!”[8]

“Rizultat ta’ dan giet imwarrba l-Financial Resolution Dispute mill-Qorti, filwaqt li gie ravvivat id-digriet tas-19 ta’ Ottubru 2007 li permezz tieghu l-attur kellu jirrizumi l-hlas ta’ £3,300 bhala manteniment ghal martu u ghal uliedu; u wkoll inharget ordni mill-Qorti Ingliza sabiex l-attur jerga’ jiddpozita s-somma ta’ £78,000 taht sanzjonijiet penali. L-istess xhud jghid li n-National Health Service pension dovuta lill-attur kienet stmata fl-ammont ta’ £69,049.46, u kien hemm wkoll Scottish pension valutata £40,155

“Illi fl-affidavit tieghu x-xhud xehed dwar theddid da parti tal-attur lill-avukat precedenti tieghu; filwaqt li rigward l-access ghat-tfal jghid li “The person who prepared the report [Cafcass] did not even support the Applicant having contact with his children until he was prepared to address anger management issues.”[9]

**“Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

“Illi jidher car li l-kwistjonijiet finanzjarji bejn il-partijiet, u senjatament il-manteniment dovut lill-konvenuta ghaliha u ghat-tfal ghadhom pendenti, u l-attur illum isostni li huwa mhuwiex fil-pozizzjoni li jonera l-ordni mahruga mill-Qorti Ingliza tas-19 ta’ Ottubru 2007, peress li c-cirkostanzi li fuqhom harget din l-ordni llum m’ ghadhom jezistu.

“Inoltre l-attur jsostni li huwa kellu jigi Malta minhabba l-istat ta’ sahhtu, partikolarment in vista tal-fatt li kien qed jigi mhedded kontinwament mill-familjari ta’ martu. Wkoll, li llum mhux fil-pozizzjoni li jhallas il-manteniment ordnat minhabba l-kondizzjoni hazina ta’ sahhtu li ma

[8] Fol.187
[9] Fol.188

tippermettilux jahdem fit-tul b' mod li jkollu ntrojtu adegwat.

"Fic-cirkostanzi s-segwenti osservazzjonijiet huma opportuni:

"1. Illi, il-fatt li l-attur dehrlu li kellu jigi Malta,bir-rizultat li tilef l-impieg li kellu l-Ingilterra u x-xoghol privat li kien jirrendilu ntrojtu sostanzjali, m' ghandux jezonerah milli jkompli jonera d-digriet ta' manteniment moghti mill-Qorti Ingliza fis-19 ta' Ottubru 2007. Id-decizjoni tieghu li jigi Malta, kien att unilaterali tieghu, li m' ghandux jaffettwa lil martu u lit-tfal tal-partijiet f' dak li huma obbligi finanzjarji tieghu.

"2. Illi rigward l-allegazzjoni tal-attur ta' theddid da parti tal-familjari ta' martu, u senjatament missieru, il-Qorti tosserva li din ghandha tigi ndirizzata mill-qrati tal-pajjiz fejn sar dan l-agir kriminali. Fi kliem iehor, il-qrati Inglizi huma fl-ahjar pozizzjoni li jittrattaw dan l-ilment,u din il-Qorti ssibha difficli li taccetta bhala veritiera l-allegazzjoni ta' l-attur li l-pulizija Ingliza naqset milli tiehu l-passi skond il-ligi Ingliza. Wara kollox mhux qed nitkellmu fuq pajjiz tat-Tielet Dinja, imma fuq pajjiz li ghandu sistema legali sofistikata u adegwata.

"Barra minnhekk, il-pregudizzju kontra tieghu tal-qrati Inglizi, allegat minnu ma jirrizultax. Fuq dan hemm biss il-kelma ta' l-attur li jidher li, ghalkemm l-Ingilterra kellu ntrojtu sostanzjali, huwa baqa' riluttanti ghall-ahhar li jhallas manteniment, mhux biss ghal martu, izda anke ghal uliedu minuri.

"[3. Illi, ghalkemm fil-proceduri odjerni l-attur ressaq prova medika li meta kien gie Malta huwa ma kienx fil-pozizzjoni li jahdem minhabba l-istat ta' sahhtu, il-Qorti tosserva li ma kien hemm xejn x' jimpedixxi lill-attur milli jressaq dan l-ilment quddiem il-qrati Inglizi li hargu l-ordni tal-manteniment u jressaq provi, anke permezz ta' affidavit quddiem dawk il-qrati li, wara li jkunu ezaminaw il-kaz tieghu, jiddeciedu dwar jekk il-mizura finanzjarja mposta fuqu hijiex oneruza zzejjed tenut kont tal-istat ta'

sahhtu, u jekk ghandhomx ivarjaw jew jissospenduha. Izda l-attur naqas li jaghmel dan, u minnflok, telaq mill-pajjiz.

“Barra minnhekk, ghalkemm din il-Qorti taccetta l-fatt li persuna li tkun ghaddejja minn inkwiet matrimonjali necessarjament tbati minn certu grad ta’ tensjoni, partikolarment sakemm il-pendenzi jigu finalment rizolti, il-Qorti thoss li l-provi fir-rigward ma jissodisfawx il-prova li ried jaghmel l-attur li anke llum ghadu fl-istadju li ma jistax jahdem minhabba sahhtu.

“Rigward in-nuqqas ta’ xoghol f’ Malta fil-professjoni tieghu, il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-attur ma gabx provi fir-rigward, dan kien rizultat ta’ decizjoni tieghu li jigi Malta u jieqaf mix-xoghol luktrattiv li kellu barra.

“4. Illi finalment jigi osservat li kif jirrizulta mill-affidavit tas-Solicitor fuq indikat, l-attur ilu ma jhallas manteniment minn Dicembru 2007 meta allura kien ghadu in vigore d-digriet moghti fit-12 ta’ Dicembru 2007 li fih kien gie kkwantifikat manteniment ta’ £2,750, liema digriet gie sussegwentement revokat tlett xhur wara, cioe’ fit-18 ta’ Marzu 2008.

“Din il-Qorti, tenut kont tal-professjoni li jezercita l-attur, hija riluttanti li tikkunsidera l-manteniment mensili ta’ £3,300 ghal mara, kostretta, li tahdem part-time u fl-istess hin tiehu hsieb it-tlett itfal minuri tal-partijiet bhala wiehed oneruz izzejjed; u li kieku l-attur ma hax id-decizjoni li jigi Malta kien ikollu l-mezzi finanzjarji adegwati sabiex jezegwixxi d-digrieti ta’ manteniment moghtija mill-Qrati Inglizi.

“Ghalhekk, ghalkemm illum hemm tibdil fic-cirkostanzi tal-attur, dan it-tibdil gabu hu bid-decizjoni tieghu li jieqaf mix-xoghol fl-Ingilterra.

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li, fic-cirkostanzi, li t-talbiet attrici mhumiex gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom u ser jigu michuda.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"… … thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fin-numru u fl-ismijiet premessi deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) Rikors Mahluf Numru 164/2009 fit-30 ta' Ottubru 2012, billi praevia li tichad l-eccezzjonijiet u l-posizzjoni tal-intimata, tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess intimata."

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati (sic!) li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi s-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2012, tigi kkonfermata fis-shih, bl-ispejjez kollha kontra l-istess appellant;
Semghet lid-difensur tal-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi b'dawn il-proceduri, l-attur qed jittanta jitlob revizjoni ta' decizjoni moghtija mill-Qorti ta' Durham, fir-Renju Unit, fit-18 ta' Marzu 2008 li in forza taghha gie ordnat ihallas lill-martu Lisa Debono manteniment, ghaliha u ghat-tlett uliedhom, fir-rata ta' tlett elef u tlett mitt Lira Sterlina (£3,300) fix-xahar. Hu qed jaghmel din it-talba peress li, skont hu, kien hemm "tibdil oggettiv ta' cirkostanzi" li jiggustifikaw tnaqqis fir-rata ta' manteniment.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-attur wara li qieset li c-"cirkostanzi" li hu ressaq bhala gustifikazzjoni ghal bdil tad-decizjoni estera, li gew minnha ezaminati bir-reqqa, ma humiex bizzejjed gravi biex wasslu ghal bdil fl-imsemmija decizjoni.

L-attur appella mis-sentenza u qed jitlob lill-Qorti terga' tezamina dawn ic-cirkostanzi u tnaqqas l-ammont illi hu ghandu jhallas bhala manteniment.

Trattat l-appell, din il-Qorti, apparti li taqbel mal-ewwel Qorti li c-cirkostanzi elenkati mill-attur ma jwasslux ghal tnaqqis fl-ordni ta' manteniment kif mitlub minnu, tara li

ma ghandhiex tilqa' t-talbiet tal-attur anke ghal raguni ohra. Skont l-attur, id-decizjoni tal-Qorti ta' Durham hija "ingusta", peress illi hija bazata fuq fatturi li gia` kienu inbidlu wara Jannar 2008. Fi kliem iehor, qed jissottometti li kien hemm bdil fic-cirkostanzi qabel ma l-Qorti ta' Durham tat id-decizjoni taghha tat-18 ta' Marzu 2008. Ghar-raguni li jafhom hu biss, pero`, l-attur ma jidhirx li ressaq provi quddiem il-Qorti ta' Durham biex jissostanzja dawn l-allegati bidliet fic-cirkostanzi u halliha tipprovdi bil-kaz tieghu minghajr ma gab provi tal-allegat bidla.

Mid-decizjoni li tat din il-Qorti fl-4 ta' Gunju, 2013 fil-proceduri ghal-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' Durham (rikors 60/10) jirrizulta li l-attur kien inkariga avukat biex jiehu hsieb l-interessi tieghu fl-Ingilterra, u l-Qorti semghet lil dan l-avukat, pero` xorta wahda kkonfermat l-ordni ta' manteniment kif fuq inghad. Fuq dan il-punt, din il-Qorti kienet ghamlet din l-osservazzjoni:

*"Bit-tieni aggravju tieghu, l-intimat jilmenta illi minn "wara Marzu 2008" hu ma giex notifikat bil-proceduri li kienu qed isiru f'Durham skont il-Council Regulation EU 1393/2007. Fuq din il-materja, il-Qorti fliet id-dokumenti esebiti u tara li ghandha dan x'tikkummenta. Meta nhareg l-ordni (General Order) tat-18 ta' Marzu 2008, l-ordni li taghha qed tintalab ir-registrazzjoni, fis-sentenza jinghad b'mod car li l-Qorti semghet lill-avukat ta' Lisa Debono u tat id-digriet, "upon hearing counsel for the respondent", cioe` Raymond Debono. Dan ifisser li r-rikorrent appellant kien notifikat bis-smiegh li wassal ghall-hrug ta' dik l-ordni. Ir-Regolament tal-Unjoni Ewropeja li jistabilixxi kif isiru n-notifiki lill-persuni residenti f'xi Stat membru jindikaw kif tista' ssir in-notifika meta din ma tkunx saret b'mod iehor; in-notifika, pero`, mhux bilfors issir ai termini ta' dak ir-Regolament u tista' ssir b'modi ohra accettati fil-pajjiz fejn ikun qed jinstema' l-kaz, basta li tkun wahda reali u effettiva, u li tista' twassal ghall-attendenza tal-konvenut quddiem il-Qorti. F'dan il-kaz, hu car li l-intimat kien jaf bis-smiegh ghax inkariga avukat jiddefendi l-interessi tieghu u dan ghamel is-sottomissjonijiet tieghu f'isem l-appellant. La darba l-appellant kien jaf bis-smiegh, ma*

*kienx mehtieg li ssir notifika formali, ghax il-principju audi alteram partem gie b'hekk imhares."*

Isegwi, li l-Qorti ta' Durham, qabel ma harget l-ordni taghha tat-18 ta' Marzu 2008, semghet lid-difensur tal-attur, li jfisser jew li dan ressaq l-aggravju tal-attur, marbuta ma' bdil ta' cirkostanzi, u gew skartati mill-Qorti (forsi minhabba nuqqas ta' provi), jew li l-attur ma ressaqx l-aggravju tieghu ghall-konsiderazzjoni ta' dik il-Qorti. L-attur ma jistax issa, f'dawn il-proceduri, iressaq dan il-bdil ta' cirkostanzi bhala kawzali ghat-talba tieghu meta din l-istess allegata bidla sehhet qabel ma inghatat id-decizjoni tat-18 ta' Marzu 2008, u, kif gia` spjegat, jew ma ressaqx dan l-aggravju quddiem il-Qorti Ingliza li kienet qed tisma' l-kaz tieghu jew l-istess giet skartata. Dawn il-qrati la jistghu jservu bhala appell mid-decizjonijiet ta' qrati esteri, u lanqas jistghu jservu biex jaghmlu tajjeb ghan-nuqqas ta' diligenza u attenzjoni li juri parti fit-trattazzjoni ta' kaz quddiem Qorti ohra.

Isegwi li t-talba tal-attur, bazata kif inhi fuq allegata bdil fic-cirkostanzi personali tieghu li sehhew qabel il-hrug tal-ordni tat-18 ta' Marzu 2008 ma tistax tintlaqa'.

Ghal kull buon fini, din il-Qorti qed tichad it-talba tal-attur, kontenuta fir-rikors tieghu tal-21 ta' Dicembru 2012, biex din il-Qorti "tinvestiga ulterjorment" l-allegazzjoni tieghu li martu qed tahdem *full-time*, peress li mhux kompitu ta' din il-Qorti li "tinvestiga" cirkostanzi ta' fatt, izda li tiddeciedi fuq il-provi li jkunu ressqu l-partijiet quddiem Qorti ta' prim istanza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk moghtija mill-ewwel Qorti, tiddisponi mill-appell tal-attur Raymond Debono billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------